MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 969/2011

**Noel Falzon**

**vs**

**Dexter Bianco**

**(I.D. 0082288 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi fil-31 t'Ottubru, 2009, r-rikorrenti kien involut f'incident awtomobilistiku meta kien passiggier *f'Mini Cooper* bin-numru TFI – 276 misjuga mill-intimat;

1.2 Illi l-incident in dizamina sehh fit-triq tas-Salini fid-direzzjoni ta' Bugibba meta l-vettura *de quo* spiccat go hajt;

1.3 Illi konsegwenza ta' l-istess ir-rikorrenti sofra griehi gravi u ttiehed l-Isptar;

1.4 Illi in effetti, kif certifikat mill-espert mediku li kkurah, ir-rikorrenti sofra wkoll debilita` permanenti;

1.5 Illi ghalhekk l-istess rikorrenti sofra danni kemm *"damnun emergens"*, kif ukoll *"lucrum cessans"*;

1.6 Illi hu l-intimat li hu unikament responsabbli ghall-istess incident u dan, minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti;

1.7 Illi ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimat baqa` inadempjenti;

1.8 Illi ghalhekk ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.8.2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta’ periti *nominandi*;

1.8.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.8.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-25 ta’ Novembru, 2011, li permezz taghha l-intimat sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

2.1. Illi hu minnu li r-rikorrenti kien involut fl-incident riferit fir-rikors guramentat promotur;

2.2. Illi meta l-intimat li hu mekkanik ezamina l-vettura tieghu involuta, sab li l-incident *de quo* sehh minhabba problemi mekkanici li wasslu ghall-malfunzjonament tas-sistemi tal-*power steering* u l-brejkijiet, fejn ghalhekk tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq u dahal f’hajt;

2.3. Illi ghalhekk ma tista` tigi attribwita l-ebda responsabbilita` fuq l-intimat, u lanqas jista` jinzamm responsabbli ghad-danni kif reklamat mir-rikorrenti;

2.4. Illi *di piu`*, l-intimat jaf li wara l-incident in dizamina, ir-rikorrenti kien wkoll involut f’diversi incidenti ohra li fihom sofra wkoll griehi gravi;

2.5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandu jgib l-ahjar prova relattivament ghall-incident hawn in dizamina;

2.6. Illi mhux eskluz li l-istess rikorrenti kellu wkoll incidenti ohra qabel l-incident *de quo*;

2.7. Illi minghajr pregudizzju ghad-debita prova rigwardanti r-responsabilita` tal-incident *de quo* u dwar id-debilita` permanenti rikjamata, il-qorti ghandha wkoll tezamina il-kontributorjeta` tar-rikorrenti *stante* li fil-hin tal-incident dan kien rieqed fis-*seat* ta' quddiem u minghajr ma kien liebes ic-cinturin tas-sigurta`;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, hatret zewg (2) esperti medici hemm indikati biex jassistuha skont il-ligi, (ara foll 79);

4. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-8 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 156);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-2 ta' Lulju, 2014, (ara foll 157), flimkien ma dik ulterjuri datata l-4 ta' Novembru, 2014, (ara foll 171);

6. Rat in-nota risponsiva tal-intimat datata t-22 ta' Settembru, 2014, (ara foll 163), flimkien ma dik sussegwenti datata z-17 t'Ottubru, 2014, (ara foll 169);

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi d-dinamika tal-incident in dizamina tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

9.1. Illi ghall-habta tat-3.00 jew il-5.00 ta' filghodu, tal-31 t'Ottubru, 2009, (ara foll 46 u 99), waqt li l-kontendenti odjerni kienu flimkien ghal ikla tax-xoghol f'Bugibba, iddecidew li jmorru dawra bil-karozza, liema karozza kienet dik indikata fil-paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel;

9.2. Illi din il-karozza kienet qed tigi misjuga mill-intimat, bir-rikorrenti jkun passiggier hdejh, (ara foll 8, 46, 99, 114, u 153);

9.3. Illi in effetti l-istess intimat jammetti li qabel ma mar isuq kif indikat f'din it-taqsima, hu kien xorob, ta' l-anqas sitt flixken birra, (ara foll 153);

9.4. Illi meta l-protagonisti in dizamina kienu qabdu "t-triq ghall-*Coast Road ...* waqaft fil-pompa tal-*petrol* ta' hdejn il-*Wembley Garage*, Penbroke, ghaliex kien kwazi spiccali l-*petrol* ... l-pompa ma haditlix il-karta tal-hamsin Ewro, (€50.00), illi kelli fuqi ... u ghalhekk kelli nkompli insuq bil-ftit *petrol* li kelli ....", (ara foll 114);

9.5. Illi skont l-intimat, il-vettura li kien qed isuq intfietlu f'daqqa "...ghaliex kienet minghajr *petrol* ... illokkja l-i*steering*, u bqajna dehlin go hajt, (ara foll 99);

9.6. Illi ghalkemm fis-sottomissjonijiet skritti tal-intimat hemm accenn ghal xi azzjoni evaziva li l-istess intimat hu allegat li seta` ha (ara foll 163), pero` fix-xhieda kollha prodotta m'hemm l-ebda referenza ghal tali azzjoni;

9.7. Illi konsegwenza tal-istess il-kontendenti gew rikoverati l-isptar bir-rikorrenti jsofri l-konsegwenzi riskontrati;

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tal-analisi sintetiku fuq elenkat ghandu jkun pacifiku li hu unikament l-intimat li ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident *de quo inaltro piu` stante* li bhala mekkanik ghandu jkun jaf bil-konsegwenzi kemm ta' sewqan wara li jkun xorob xorb alkoholiku, u dak li jsuq minghajr *petrol*;

Ikkunsidrat:

11. Illi skont l-esperti medici nominati biex jassistu lill-qorti fl-analisi in dizamina jirrizulta sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi l-intimat kien passiggier bilqeghda quddiem hdejn ir-rikorrenti, l-konducent tal-vettura in dizamina, (ara foll 86);

11.2. Illi l-istess rikorrenti kien liebes ic-cinturin tas-sigurta`, (ara foll 86 u 89);

11.3. Illi ma’ l-impatt tal-vettura *de quo* infethet l-*airbag*;

11.4. Illi rizultat tal-istess impatt ir-rikorrenti habat rasu u ntilef min sensieh, u meta rega` gie f’sensieh, hass ugieh f’ghonqu niezel ghall-ispalla tal-lemin, (ara foll 86);

11.5. Illi sussegwentement ittiehed l-isptar, fejn beda jigi kkurat, (ara foll 86);

11.6. Illi rizultat tal-istess incident irrizulta li kien xaqqaq wiehed mill-irkiekel t’ghonqu, (ara foll 86);

11.7. Illi l-istess rikorrenti jirrizulta li kellu wkoll brix; tbengil fuq il-lemin ta’ wiccu u f’imniehru; ferita fuq ix-xellug ta’ l-iskutella ta’ rasu, u ferita zghira fil-polz tax-xellug, (ara foll 86);

11.8. Illi biex jigi stabilizzat ir-rikorrenti kien jinhtieg li jaghmlulu cirku b’imsiemer imqabdin mall-iskutella ta’ rasu imqabbda ma’ gakketta biex ma jiccaqlaqx u jinzamm b’ghonqu dritt, (ara foll 86);

11.9. Illi dan ic-cirku rrikjeda sostituzzjoni bl-imsiemer utilizzati u tpoggielu wkoll piz appozitu, (ara foll 86);

11.10. Illi sar ukoll *CT scan* fuq ir-rikorrenti, (ara foll 86);

11.11. Illi fl-14 ta’ Dicembru, 2009, tnehhielu ic-cirku fuq riferit u l-piz appozitu, u tpoggielu kullar specjali minflok (ara foll 86);

11.12. Illi r-rikorrenti kien rilaxxat mill-isptar fil-21 ta’ Dicembru, 2009;

11.13. Illi pero` kien kostrett jibqa` jilbes l-imsemmi kullar sa erba` (4) xhur wara l-incident u baqa` jattendi c-centru ortopediku sa’ l-20 t’Awwissu, 2010, (ara foll 86);

11.14. Illi meta ezaminat mill-istess esperti medici in dizamina jirrizulta li baqa` jilmenta minn ghebbusija f’ghonqu u jhoss xi tfaqqieh fl-iskutella ta’ rasu meta jdawwar rasu lejn il-lemin, (ara foll 87);

11.15. Illi ghadu jhoss ghonqu jugaw sa l-ispalla l-leminija, (ara foll 87);

11.16. Illi taht widnejh il-leminija ma jhoss xejn, (ara foll 87);

11.17. Illi ghandu frattura fil-basi adontoida fil-vertebra C2, (ara foll 88);

11.18. Illi l-feriti hawn sintetikament elenkati jikkwalifikaw bhala griehi ta’ natura gravi, (ara foll 88), ghalkemm il-ksur fieq ghal kollox, (ara foll 88);

11.19. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti ortopedika ta’ erbgha fil-mija, (4%), (ara foll 88);

11.20. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti jirrizulta li sofra diversi cikatrici li kienu jinhtiegu li jigu sutrati, (ara foll 89 u 90);

11.21. Illi l-espert mediku kongunt ivvaluta d-dizabilita` permanenti dermatologika sofferta mir-rikorrenti fl-ammont ta' hamsa fil-mija, (5%), (ara foll 90);

Ikkunsidrat:

12. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti m'ghandiex ghaliex ma tistriehx fuq l-indikazzjonijiet medici dettaljati fuq sintetikament elenkati u konsegwentement tadotthom;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi rigward id-*"damnum emergens"* involut jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi din il-qorti hi sodisfatta bis-sintesi prodott mir-rikorrenti fin-nota tieghu tal-4 ta' Novembru, 2014, (ara foll 171), fejn elenka is-segwenti:

13.1.1. Spejjez medici suffrogati b'ircevuti appoziti;

13.1.2. Stima t'operazzjoni li necessarjament ghad trid tigi ezegwita fuq ir-rikorrenti;

13.1.3. Stima ta' sodda/pultruna necessarja ghall-hajja ta' kwalita` issa reza necessarja;

13.2. Illi in vista tal-istess taqbel mall-kwantifikazzjoni kif riprodotta mill-istess rikorrenti, senjatament fl-ammont ta' tlett elef hames mija u sittax -il Ewro u disgha u hamsin centezmu, (€3,516.59), u konsegwentement tadottha;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigward il-*"lucnum cessans"* involut jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi rigward l-introjtu annwali tar-rikorrenti tapplika l-indikazzjoni prodotta mir-rikorrenti, (ara foll 171), senjatament fl-ammont ta' mija u tnejn u hamsin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu fil-gimgha, (€152.29), ekkwivalenti ghal sebghat elef, disa` mija u dsatax -il Ewro u tmin centezmu, (€7,919.08), fis-sena;

14.2. Illi pero` stante li r-rikorrenti kien ta' dsatax -il sena meta sehh l-incident *de quo* qed tadotta *multiplier* ta' 42 korrispondenti ghal 42 sena meta ta' 61 jilhaq l-eta` pensjonabbli, b'dizabilita` permanenti komplessiva ta' hamsa fil-mija, (5%), u bit-tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija, (20%), in vista tal-pagament f'daqqa ghas-saldu ta' l-istess, li komplessivament jammonta ghal tlettax -il elf tlett mija u erbgha Ewro u hames centezmi, (€13,304.05);

Ikkunsidrat:

15. Illi in vista tal-premess id-danni komplessivi kontemplati kif fuq spjegat jammontaw ghal sittax –il elf tmin mija u ghoxrin Ewro u erba` u sittin centezmu, (€16,820.64);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu ghal dak li jirrgwarda ir-responsabbilita` tal-akkadut, u konsegwentement:

**DECIDE:**

16.1. Tiddikara lill-intimat Dexter Bianco responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni sofferti mir-rikorrenti Noel Falzon;

16.2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-imsemmi rikorrenti fl-ammont ta' sittax -il elf tmin mija u ghoxrin Ewro u erba` u sittin centezmu, (€16,820.64), kif fuq indikat;

16.3. Tikkundanna lill-intimat Dexter Bianco biex ihallas lir-rikorrenti Noel Falzon l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti, inkluz l-imghaxijiet dovuti fuq l-istess mid-data ta' l-ittra ufficjali datata s-6 t'Ottubru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

16.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-fuq imsemmi Dexter Bianco.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------